**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali**

**Artikoli 49, 50, 214 u 216 (1) (b)**
**tal-Kap. 9**
**tal-Ligijiet ta' Malta,**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

***Kumpilazzjoni Nru:800/2013***

**Il-Pulizija**
**(Spettur Geoffrey Azzopardi)**

**vs**

**ALAN HARMSWORTH**
**(ID19177M)**

**Illum, 12 ta' Jannar, 2016.**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputat **ALAN HARMSWORTH**, ta' sitta w tletin (36) sena, iben Francis u Mary Anne nee Brincat, imwieled Pieta' nhar l-4 ta' Dicembru 1976 u li joqghod 67, Triq is-Sajjieda, Marsa, detentur ta' Karta ta' l-Identita' bin-numru 19177(M), tressaq quddiemha w akkuzat talli:

Fl-20 ta' Awissu. 2013 ghall-habta tat-tmienja w nofs ta' filghodu (8.30 a.m.) fil-Marsa kkaguna offiza ta'natura gravi fuq il-persuna ta' Bakare Tesigue mill-Mali skont ma ccertifika Dr. Chris Muscat mic-Centru tas-Sahha ta' Hal Qormi bi ksur ta'l-Artikolu 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta'Malta;

Akkuzat ukoll talli rrenda ruhu ricediv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 18 ta'Novembru 2010, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mhassra.

Rat l-atti tal-kawza w id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-Kunsens tal-Avukat Generali datat 21 ta' Awwissu, 2013 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja liema kunsens gie mmarkat bhala Dok. JA1 u jinsab a fol. 5, Fedina Penali mmarkata bhala Dok. JA2 a fol. 6 u 7 rispettivament, Stqarrija mmarkata bhala Dok. JA3 a fol. 8 *et seq.*, certifikat mediku immarkat bhala Dok. JA4 a fol. 11, Dikjarazzjoni - Rinunzja ghad-Dritt tal-Parir Legali ma' l-avukat immarkata bhala Dok. JA5 a fol. 12 u PIRS Report immarkat bhala Dok. JA6 a fol. 13 *et seq.* tal-process.

Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim'Imhallef datat 21 ta' April, 2014 u b'mod permanenti b'digriet tal-20 ta' Novembru, 2014.

**Tesigue Bakare** xehed fid-9 ta'Ottubru, 2013. Il-Qorti wissietu li huwa m'huwiex obbligat illi jixhed pero' jekk jaghzel illi jixhed dak kollu li jghid jista' jitnizzel bil-miktub u jingieb bhala prova kontra tieghu. Ix-xhud indika li ilu jahdem bhala kennies sa mid-9 ta'Ottubru, 2012, u qal li l-imghallem tieghu jismu Braden u joqghod H'Attard.

Ix-xhud qal li illi l-incident sehh nhar l-20 ta' Awwissu 2013 fit-tmienja ta' filghodu (8.00am) fejn waqt li huwa kien qieghed jiknes u jigbor l-iskart u jpoggih go kontenitur, mar persuna sabiex jipparkja l-vettura tieghu. Huwa stqarr illi l-incident sehh fil-Marsa Parking. Sid il-vettura ipparkja l-karozza tieghu u qal lix-xhud sabiex ma jhammiglux l-istess vettura. Ix-xhud kompla jghid li sid il-vettura beta jitkellem hafna, izda hu ma jiftakarx kull haga li dan qal. F'hin minnhom, sid il-vettura qabad il-pala u tah daqqa biha.

Meta l-Qorti staqsiet lix-xhud jekk jaghrafx lill-persuna prezenti fl-Awla, dan indika lill-imputat.

Il-Prosekuzzjoni staqsiet lix-xhud fejn kienet il-pala meta l-imputat tah daqqa biha, u dan qal illi din kienet fil-karretta. Il-Prosekuzzjoni kompliet tistaqsi lix-xhud jekk kienx hemm xi argument bil-kliem jew bl-idejn qabel ma Harmsworth tah id-daqqa, jew jekk l-istess Harmsworth qabadx u mar ghall-gharreida u xejjirlu daqqa ta' pala. Ix-xhud wiegeb illi apparti t-twissija sabiex ma jhammiglux il-karozza, ma kien hemm l-ebda argument bejnu u bejn l-imputat qabel ma dan tah bil-pala.

Il-Prosekuzzjoni talbitu jispjega jekk l-imputat kienx irrabjat ghalih u r-raguni ghal dan. Huwa wiegeb illi kien hemm mument fejn l-imputat kien irrabjat ghalih izda hu ma kienx jaf ghal-liema raguni.

Il-Qorti staqsiet lix-xhud jekk kienx hammeg il-karozza tal-imputat, izda huwa nnega.

Il-Prosekuzzjoni staqsiet lix-xhud sabiex jiddeskrivi l-griehi li sofra permezz tad-daqqa li kien qala' bil-pala. Ix-xhud qal illi huwa kien qala' daqqa fu halqu, kien mugugh u sejjah lill-imghallem tieghu.

Il-Qorti staqsiet jekk ix-xhud kellux xi demm hiereg minn halqu, ghal-liema mistoqsija x-xhud wiegeb fil-pozittiv u li l-imghallem sejjah l-ghajnuna tal-Pulizija u dawn haduh gewwa klinika. Il-Qorti staqsietu wkoll x'tip ta' kura inghata, fejn wiegeb li sarulu xi punti w kien trattat kif xieraq. Il-Qorti staqsiet lix-xhud jekk waqt li kellu d-demm hiereg irreagixxiex ghal dan kollu. Huwa wiegeb li l-imputat tah daqqa wahda biss u ghalkemmipprova jaghtih daqqa ta' pala ohra, dan ma sarx ghaliex giet persuna ohra li firdithom.

Meta mistoqsi mill-Qorti kemm dam nieqes mix-xoghol, ix-xhud wiegeb li dam nieqes gimgha.

Il-Prosekuzzjoni regghet staqsiet lix-xhud x'kienet precizament ir-reazzjoni tieghu hekk kif qala' d-daqqa bil-pala, ghal-liema domanda x-xhud wiegeb illi ma rreagixxiex. Il-Prosekuzzjoni talbet lill-Qorti

sabiex tosserva kif fieqet il-qasma u kif baqghet tidher fuq xofftu. Ix-xhud avvicina lill-Qorti u wera fejn kellu il-ferita.

Ix-xhud in kontro-ezami qal li gie Malta fit-8 ta' April tal-2011 meta telaq mil-Libja u wasal Malta permezz ta' dghajsa. Meta gie suggerit lilu mill-avukat tad-difiza li huwa kien dahal Malta b'mod illegali, huwa qabel u stqarr li malli wasal ittiehed gewwa Detention Centre. Qal li hemmhekk tahom l-istess isem li ghandu llum w inghata n numru 11D73. Qal li dam hemmhekk ghal xi sena w nofs. Stqarr li ghalkemm applika ghal status ta' refugjat, dan gie michud lilu. Stqarr ukoll li ma kienx registrat ghax-xoghol skont il-ligi.

Ix-xhud qal li dakinhar tal-incident, kellu *mobile skip* li dak il-hin kienet fuq in-naha ta' wara tal-vettura tal-akkuzat, ghalkemm izid li ma kinitx vicin hafna tal-vettura. Ix-xhud qabel ma' dak li gie suggerit lilu, cioe' li fil-vicinanzi ta' fejn sehh dan l-argument hemm hanut illi jbiegh l-affarijiet relatati maz-zwiemel. Qabel ukoll li qabel ma sehh l-incident, l-akkuzat kien hareg minn dan il-hanut u sabu jiknes hdejn il-karrozza tieghu. Ix-xhud jghid li l-imputat qallu biss biex ma jhammiglux il-karrozzam, waqt li cahad li mess il-karozza bl-ixkupa.

L-avukat tad-difiza staqsa lix-xhud jekk wara l-iskambju ta' kliem l-akkuzat marx biex iwarrab l-iskip li kienet wara l-karrozza tieghu, izda x-xhud wiegeb li ma ra xejn minn dan. Cahad ukoll li f'xi hin l-iskip ma inqalbet mal-art, kif cahad anke li l-imputat kien mal-art. Anzi qal li hu qatt m'ghamel idejh ma' ghonq l-imputat.

Ix-xhud iddikjara li wara l-ewwel daqqa ta' pala kien mar xi hadd u ssepara lilu minn mal-imputat. Il-Qorti regghet staqsiet lix-xhud jekk f'xi hin qabadx lill-imputat minn ghonqu, u hu rega' nnega. Il-Qorti staqsiet lix-xhud jekk dak il-hin rax lil xi hadd jaghmel idejh ma' ghonq l-akkuzat jew jekk jafx kif sarulu l-griehi l-ohra li dan kellu, w hu qal li la jaf il-griehi kif saru w lanqas li kien haddiehor li ghamilhomlu. Pero' x-xhud ammetta illi z-zewg persuni li marru jisseparawhom, lill-imputat ma missuhx imma warrbu lilu.

Ix-xhud inoltre qal ma kienx jaf jispjega l-fatt li z-zewg persuni hassew li kellhom iwarrbu lilu minflok lill-imputat, ghalkemm hu kien passiv u kien l-imputat li suppost qieghed jaggredih.

Ix-xhud qal li hu ma messx il-karrozza tal-akkuzat u l-ghafsa fuq il-bagoll ta' wara ma jafx kif saret.

Meta l-avukat tad-difiza beda jitolbu jispecifika ezattament fejn sehh dan l-incident, u jekk effettivament sehhs bejn in-naha ta' wara tal-vettura tal-akkuzat u fejn kien hemm il-karrella, ix-xhud wiegeb illi hu kien ma' genb il-karretta meta qala' d-daqqa, pero' mbaghad ma bediex iwiegeb id-domanda.

Ix-xhud ikkonferma li c-cikatrici li ghandu fuq in-naha tal-lemin tax-xoffa ta' fuq giet ikkawzata bid-daqqa ta' pala.

**PS 1195 Conrad Debattista** xehed fil-21 ta'Marzu, 2014, u stqarr li fl-20 ta'Awwissu, fl-2013, fid-disgha u kwart (9.15a.m.) ta' filghodu rcevew telefonata mill-Kwartieri Generali fejn informawhom li fi Triq it-Tigrija, l-Marsa kien sehh argument bejn zewg persuni fejn wiehed minnhom safa aggredit u kellu xi griehi. Ix-xhud qal li hu mar fil-post imsemmi, fejn hemm il-korsa taz-zwiemel, fejn hemmhekk avvicinah persuna bl-isem ta' Braydon Azzopardi. Dan kien il-persuna li jiehu hsieb xi kenniesa li kienu qed jaghmlu x-xoghol hemmhekk. Mieghu kien hemm persuna refugjata li tghix fl-*open centre*, certu Tesigue Bakare. Dan kellu xi griehi fuq xofftejh u fuq mohhu. Braydon Azzopardi spjega li dan Tesigue Bakare, kien qieghed jahdem ta' kennies hemmhekk u li waqt li kien qieghed jiknes kien safa aggredit. Ix-xhud gharaf lill-imputat prezenti fl-Awla bhala l-persuna li aggrediet lil Bakare. Qal li dan kien fuq il-post u hu kien kellmu. Qal li l-imputat kien qallu li kellu argument ma' Tesigue Bakare u dan kien hebb ghalih. Ix-xhud qal li Braydon Azzopardi ma kienx fuq il-post meta sehhh l-incident, izda kien cempillu Tesigue Bakare li kien infurmah li kien safa aggredit mill-imputat. Ix-xhud jghid li hu kellem lil dan Tesigue Bakare, fejn kellmu bil-lingwa Ingliza, u talbu biex itih il-verzjoni tal-fatti x'gara w ma garax. Dan qallu li kien qieghed jiknes fit-Triq it-Tigrija meta avvicinah persuna li qallu biex joqghod attent kif jiknes u li lmenta li kien qed jolqotlu r-roti tal-vettura tieghu tat-tip Mercedes. Ix-xhud kompla jghid li Tesigue Bakare qallu li wara li kien kellmu din il-persuna, huwa baqa' jiknes meta ghal xi raguni mhux maghrufa l-iehor imbuttah mal-art u beda jtih bil-pala. Spjega li l-kennies kellu dustbin ahdar, xkupa w pala, w

qal li l-iehor tah bil-pala, tefghu mal-art u qattghalu l-gakketta s-safra li kellu.

Kompla li minhabba l-griehi li kellu Bakare, huwa baghtu fl-eqreb Centru tas-Sahha, u wara kien ghaddielu certifikat tal-griehi li kien garrab li kienu ccertifikati bhala griehi gravi minn Dr. Chris Muscat mic-Centru tas-Sahha ta'Hal-Qormi.

Ix-xhud jghid li dak il-hin stess hu kellem ukoll lil Alan Harmsworth fejn min-naha tieghu qallu li dan l-incident sehh peress li dan il-kennies kien qed jiknes hdejn il-vettura tieghu li kienet ipparkjata mal-bankina u laqatlu r-roti li tal-vettura. Dan Alan Harmsworth kompla jghidlu li talbu biex joqghod attent meta jiknes imma dan, allavolja kien kellmu, xorta rega' laqat ir-roti tal-vettura. Qallu wkoll li meta mar fuqu w saqsieh min hu l-imghallem tieghu, l-iehor ma kien wiegbu xejn, anzi qisu njorah. Kompla jghidlu li mbaghad hu dar u tah dahru, w Bakare mar minn warajh, qabdu w tefghu ma'l-art u nqala' dan l-argument bejniethom, fejn dan Alan Harmsworth kellu xi hmura m'ghonqu w ma'sidru. Sussegwentement lil Harmsworth ukoll baghtu jaghmel certifikat mediku tal-griehi li kien garrab.

Ix-xhud jghid li aktar tard hu nforma lill-Ispettur Azzopardi u wara li Tesigue Bakare kien ghaddielu c-certifikat tieghu fejn kien jidher li sofra griehi gravi, il-pulizija kienu baghtu ghal Alan Harmsworth biex jerga' jigi mitkellem gewwa l-Ghassa. Harmsworth kien elenkalu xi hsarat li garrbet il-vettura, ghalkemm dawn ma kienx semmihomlu fuq il-post tal-incident. Kompla li t-tieni darba li Harmsworth kien

mar l-ghassa, kien irrimarka li l-vettura tieghu garrbet xi hsarat fuq il-mudguard ta'wara n-naha tax-xellug kif ukoll xi grif fuq il-bagoll. Meta x-xhud staqsieh kif kienu saru dawn il-hsarat, dak kien qallu li Tesigue Bakare, li kellu l-argument mieghu, kien laqatha bl-ixkupa.

Ix-xhud jikkonferma li d-dokument JA6 hija l-okkorenza mdahhla minnu u li meta l-imputat kien mar l-ghassa bil-karozza tieghu huwa kien ra l-hsarat imsemmija.

**Dr. Chris Muscat** xehed fis-7 ta'Lulju, 2014 u kkonferma li c-certifikat mediku nserit f'dawn l-atti mmarkat bhala dokument JA4 a fol. hdax (11) tal-Process gie mahrug minnu u fuqu jaghraf il-frima tieghu. Jikkonferma li effettivament hu kien ezamina lil Tesigue Bakare nhar l-ghoxrin (20) ta'Awwissu, 2013 ghall-habta tal-ghaxra u nofs ta'filghodu (10.30) u kien irriskontra illi huwa kien qed isofri minn feriti ta'natura gravi.

**Matthew Camillieri** xehed fit-28 ta'April, 2015. Jghid illi dakinhar tal-incident u cioe'fl-ghoxrin (20) ta'Awissu, 2013 hu kien qieghed il-Marsa jiknes hdejn hanut maghruf bhala Ta'Marisa, waqt li Tesigue kien qed jiknes ftit 'il fuq hdejn hanut iehor maghruf bhala Zeppi n-Nal. F'xi hin sema' hafna ghajjat, hares u ra pala toghla. Dak il-hin cempel lill-imghallem taghhom, u meta dan wasal hu mar fejn kien hemm dan l-incident u sab lill-persuna Bakare Tesigue mal-art bid-demm ma'xoftejh. Ix-xhud jghid li hu fil-fatt meta ra l-pala toghla kien daqsxejn 'il-boghod, izda jghid li fil-fatt il-pala dak il hin kienet f-idejn l-imputat li qed jaghraf prezenti fl-Awla bhala Alan

Harmsworth. Spjega li meta jghid li ra l-pala toghla, ifisser li fil-fatt l-imputat kien qabadha f'idu minn gol-karretta w jghid li effettivament dan kollu sehh meta Bakare Tesigue kien qed jiknes madwar il-karozza ta'Alan.

Ix-xhud qal li meta sema' l-ghajjat jaf li hargu xi nies minghand Zeppi n-Nal biex iwaqqfuhom u mill-ewwel kien mar l-imghallem fuq il-post tax-xoghol. Zied li hu fl-ebda hin ma ra lil Bakare Tesigue jaghmel xi haga. Jaf li Tesigue kellu xi qasma f'xufftejh u l-imghallem tieghu ha l-Tesigue biex jaghmlulu xi punti. Qal ukoll li hu ma jafx li Alan Harmsworth kellu xi feriti dakinhar, filwaqt li jiftakar li effettivament rah jitkellem ma'xi nies ohrajn.

Iddeskriva lil Bakare Tesigue bhalaq persuna kwieta hafna, fil-fatt jafu sewwa ghaliex ghamel sentejn (2) jahdem mieghu. Qal li malli dan qala'd-daqqa, waqa'mal-art u minnufih hargu n-nies jaghtuh l-ghajjut.

**L-Ispettur Geoffrey Azzopardi** xehed in kontro ezami fit-22 ta' Gunju, 2015. L-Ispettur ikkonferma li huwa minnu illi meta kien qed jigi nvestigat l-imputat kien allega mieghu li effettivament huwa kien safa aggredit mill-Parte Civile. Sostna li effettivament kienu ttiehdu xi ritratti fuq il-persuna tal-imputat u li dawn ir-ritratti, flimkien mac-certifikat mediku jinsabu pendenti fil-kawza li hemm pendenti fil-konfornt tal-Parte Civile Bakare Tesigue, u li ma jsib l-ebda problema jesebixxi kopja taghhom u dan ghaliex il-proceduri fil-konfront ta'Bakare Tesigue jinstabu sospizi peress li minn informazzjoni li

ghandu din il-persuna telqet minn Malta. Mistoqsi jekk hux minnu li hu kien baghat persuna sabiex tigbed xi ritratti tal-hsara li allegatament kien hemm fil-karozza tal-imputat, jghid li dwar dan mhuwiex cert ghax ma jiftakarx. Huwa obbliga ruhu li kellu jaghmel il-verifiki necessarji dwar jekk kinitx l-istess persuna li hadet ir-ritratti tal-griehi u li jesebixxi dawn ir-ritratti, kopja tac-certifikat mediku u ritratt tal-hsarat.

Meta rega' xehed fit-2 ta' Lulju, 2015 l-**Ispettur Geoffrey Azzopardi** esebixxa sett ta'sebgha u tletin (37) ritratt go envelope kannella li gew immarkati mill-Qorti bhala dokument GA. Dawn huma ritratti li jindikaw il-griehi li kellhom l-imputat u Bakare Tesigue l-vittma, u xi hsarat li kien hemm fuq il-vettura tal-imputat. Esebixxa wkoll kopja ta'certifikat mediku, liema kopja saret minnu w li hu stess iccertifika bhala vera kopja. Spjega li dan jirrigwareda griehi sofferti mill-imputat odjern u riskontrati minn Dr. Galea tal-Floriana Health Centre. Dan id-dokument gie mmarkat bhala dokument GA1 u huwa c-certifikat li jew gie esebit jew ghad irid jigi esebit fil-proceduri pendenti fil-konfront ta' Bakare Tesigue u li a bazi tieghu inhargu l-akkuzi fil-konfront ta'Bakare.

**Alan Harmsworth** xehed fit-22 ta' Ottubru, 2015 u spjega li huwa ghandu hanut tal-*confectionery* li jinsab proprju hdejn il-Knisja tat-Trinita' l-Marsa. Qal li huwa mizzewweg u ghandu zewgt (2) itfal. Mistoqsi jekk ghandux xi delizzju partikolari, wiegeb li delittant taz-zwiemel. Jikkonferma li fl-20 ta' Awwissu, 2013 kien nizel il-Marsa sabiex jixtri flixkun tad-dlik tas-saqajn taz-zwiemel minn hanut fi Triq

it-Tigrija, il-Marsa minghand wiehed maghruf bhala Noel. Huwa mar hemmhekk bil-karozza, pparkja ftit ‘il fuq mill-hanut inkwistjoni u dahal jixtri minghand Noel. Kif hareg minn hemm sab ragel jiknes mal-karozza tieghu w allura talbu biex jiknes bil-mod ghaliex kien qed jolqotlu l-karozza u dak qallu biex ma jindahallux f’xoghlu. Filfatt spjega li dan kellmu bl-ghajjat u b'mod arroganti u li tkellem bl-Ingliz, ghalkemm ma tantx kien jinftiehem. Kompla li min-naha tieghu hu qallu li ma kienx qed jikkmandah izda xtaqu biss li joqghod attent halli ma jolqotlux il-karozza.

Kompla li mbaghad mar biex inehhi l-karozza minn hemm ghaliex Bakare beda qisu jolqot il-karozza u anke beda jargumenta. Spjega li wara l-karozza kien hemm *bin*. Spjega li r-roti tal-*bin* ma kinux iharsu fl-istess direzzjoni u appena messha nqalbet. Din il-*bin* kienet fit-triq proprju wara l-karozza tieghu u filfatt messha bil-wara tal-karozza tieghu meta mar jimmanuvra biex johrog minn fejn kien, u dan peress li quddiemu kien hemm karozza ohra pparkjata. Huwa nduna biss li r-roti kienu lagenba w ma kinux dritti meta nqalbet u mhux ghax rahom. Jaf li appena mess din il-*bin* b'idu waqghet ghax kienet vojta.

Zied li meta ra illi din il-persuna kienet qed timxi mieghu b'mod arroganti, staqsih biex itih in-numru tal-imghallem tieghu u dan sabiex ikun jista' jifhem xi haga ahjar. Qal li mill-ewwel induna li donnu ried jattakkah, u meta ra li ma wegbux, qabad it-triq, inqalbet il-*bin* u kif dawwar wiccu jaf li l-iehor qabdu minn ghonqu. Appena qabdu minn ghonqu waqa' mal-art bl-iehor jaqa' fuqu. Qal li Bakare f'idu kellu xkupa, w dak il-hin telaqha minn idu biex qabdu minn ghonqu u

pprova jifgah. Qal li dak il-hin hasdu w allura pprova jiskapulah. Ikkummenta li meta bniedem ikun qed jaghsrek mal-art bil-piz tieghu fuqek bilfors li tirrezisti b'idejk u ghalhekk beda jaghmel movimenti ta' tixjir b'idejh. F'xi hin jaf li marru xi persuni li qabdu lil Bakare minn mieghu u hu sgicca minn tahtu. Dahal jigri lura fil-hanut minn fejn xtara, b' qatgha kbira fuqu u baqa' hemmhekk sakemm mar Noel tal-hanut u tah ftit kafe'.

Mistoqsi x'sar minnu dan ir-ragel, spjega li ma jafx ghax huwa dahal fil-hanut. Ma jafx jekk effettivament kienx Noel li cempel lill-Pulizija. Jaf li waqt li kien hemmhekk il-persuna li aggredietu bdiet iccempel lill-imghallmin taghha u fid-daqqa w il-hin jaf li waslu l-Pulizija fuq il-post.

Kompla li sussegwentement huwa gie arrestat, interrogat u rrilaxxja stqarrija, liema stqarrija tinsab esebita f'dawn l-atti u qed jaghrafha esebita bhala dokument JA3. Fuqha jaghraf il-firma tal-Ispettur, pero' ddikjara li hu din l-istqarrija pero' ma jikkonfermahiex.

Mistoqsi x'tip ta' persuna huwa dan li aggredih spjega li filfatt ghandu nazzjonalita' barranija pero' ma jitkellimx b'Ingliz tajjeb u spjega li bhala piz fih aktar minnu. Xebbah l-istatura ta' Bakare ma' tal-Ispettur Azzopardi. Kuntrarjament ghal dak li gie allegat, huwa qal li fl-ebda hin ma ra li kien hemm xi pala. Sostna li dak il-hin huwa ra l-mewt, specjalment meta beda jifgah. Jaf li bhalu din il-persuna ttiehdet il-poliklinika. Qal li huwa kellu jmur il-poliklinika minhabba l-griehi li kellu w minhabba l-qatgha. Sussegwentement ra li fuq il-

karozza kien hemm xi daqqiet u grif. Ikkonferma li ttihdulu xi ritratti tal-griehi u li filfatt dawn jinsabu esebiti fl-atti a fol. 78 w immarkati bhala dokument GA.

Rigward dik il-parti tal-istqarrija fejn tissemma l-pala sostna li din ma tapplikax ghaliex huwa ma raha fl-ebda hin. Zied li filfatt kien talab lill-Ispettur sabiex igib il-pala in kwistjoni l-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun u biex jiehu *finger prints* minn fuqha w iqabbilhom ma'jdejh sabiex jikkonferma li huwa fl-ebda hin ma mess din il-pala.

Ikkonferma li huwa tassew mar Triq it-Tigrija, il-Marsa biex jixtri minn dan l-ingwent ghaz-ziemel tieghu. Huwa minnu wkoll li ra lil dan ir-ragel jiknes mal-karozza tieghu wara li kien lesta mill-qadi tieghu. Anzi sostna li lil dan ir-ragel rah mhux jiknes mal-karozza tieghu izda jaghti d-daqqiet mal-karozza tieghu u kien ghalhekk li kellmu. Qal li kieku ma kienx qed jaghti d-daqqiet mal-karozza tieghu ma kienx ikellmu. Insista li filfatt jaf li beda jaghti bl-ixkupa mar-rimmijiet u partijiet ohra tal-karozza man-naha ta' taht, u kull ma ghamel hu kien li talbu biex ma jkomplix. Spjega li meta l-iehor mar biex jaqbdu minn ghonqu l-ixkupa kienet ghadha f'idu. Ikkonferma li kien hemm xi daqqiet fuq il-bagoll tal-karozza. Jaf li meta l-iehor waqqghu mal-art u beda jipprova jifgah, hu pprova jizgiccalu. Insista li ghalkemm hu ma rahx jaghti daqqiet fuq il-karozza, pero' bilfors li ta xi daqqa, ghax il-karozza kellha d-daqqiet u zgur li d-daqqiet ma kinux hemm qabel dan l-incident. Imbaghad qal li kieku hu qabad, rikeb il-karozza w saq 'l hemm, seta' jirfsu.

Spjega li l-iehor beda jkellmu b'lingwa li ma setax jifhem, huwa hass li kellu jwarrab u jitlaq 'l hemm biex jevita l-glied u li jaqla' xi daqqtejn tajba. Mistoqsi jekk huwa setax jghidlu biex inehhi l-karretta minn hemm bl-edukazzjoni, spjega li meta bniedem ikellmek bl-aggressivita', bhalma kien qed ikellmu Bakare, kull ma seta' jaghmel kien li jitlaq 'l hemm u jwarrab. Insista li fil-bidu hu kien kellmu bl-edukazzjoni. Tenna li ghalkemm l-karretta nqalbet, ma ntuza l-ebda forza fuqha.

Mistoqsi kif il-griehi tieghu kienu ta' natura superficjali ghalkemm sostna li l-aggressur tieghu kellu statura kbira, wiegeb illi meta bniedem jaqbdek minn ghonqok, inti tipprova tiskapula minn tahtu, jkun fih kemm ikun fih persuna. Qal ukoll li l-hsara li kellu mhix ta' natura zghira bhalma qal l-Ispettur Azzopardi.

Mistoqsi kif jispjega dak li qal Matthew Camilleri, cioe' li huwa kellu l-pala f'idejh, spjega li dan ma setax ikun, ghaliex Matthew Camilleri kien il-boghod hafna. Kompla li dan Matthew Camilleri qal li n-nies hargu minn hanut maghruf bhala 'Zeppi tan-Nann', imma hu sostna li dan il-hanut ma jezistix. Jinsisti li lil dan il-guvni hu qatt ma rah qabel, lanqas fuq il-post, rah biss fil-Qorti w ghaldaqstant ghalih huwa giddieb. Mistoqsi kif effettivament l-aggressur tieghu spicca bil-ferita fuq xofftu spjega illi ma jafx, jista' jkun li habat mal-art jew mal-karozza, pero' hu zgur li ma jafx kif spicca hekk.

**Noel Camilleri** xehed fit-22 ta' Ottubru, 2015 u spjega li huwa jahdem gewwa hanut fi Triq it-Tigrija, il-Marsa. Spjega li fil-hanut tieghu

jbieghu affarijiet konnessi maz-zwiemel. Jiftakar li kif dejjem jaghmel, darba minnhom Alan Harmsworth kien mar jixtri minghandu, hu qdieh, u dak hareg. Filwaqt li huwa kompla jisbarazza l-affarijiet li kien hemm gol-hanut u jnaddaf, f'daqqa wahda sema' xi hoss barra. Hareg barra jigri u sab lil Alan mal-art u sab persuna ta' karnaggjon skura fuqu jaqbdu minn ghonqu. Qal li mar jigri biex iferraqhom u biex jaqbad lil dan ir-ragel li kien fuq Alan, pero' ma rnexxilux ilahhaq mieghu

Qal li dak il-hin marru zewgt (2) irgiel jghinuh, u flimkien irnexxielhom jaqalghu lil dan il-persuna minn fuq Alan. Lil Alan dahhluh gol-hanut u l-irgiel l-ohrajn hadu hsieb il-persuna bil-karnaggjon skura. Ix-xhud qal li dak il-hin l-aggressur jew il-persuna li kienet qed tagredixxi 'l Alan, kien faccata w beda jaghmel xi telefonati. Zied li hu huwa kien attent biex jara x'kien ha jsir. Lil Alan poggih bilqeghda fil-hanut filwaqt li cempel lill-pulizija li marru fuq il-post.

Mistoqsi jekk l-aggressur kellux xi dmija wiegeb li bil-fixkla li kellu ma ra xejn. Jaf illi Alan kellu xi marki fuq ghonqu u dan jafu ghaliex meta dahhlu fil-hanut kien quddiemu. Mistoqsi jekk jiftakarx li dakinhar kien kellmu s-Surgent, l-ewwel spjega li effettivament huwa minnu li qal lis-Surgent li ma kien ra xejn, ghaliex kif spiccaw mal-art ma jafx, jaf biss li rah mal-art, izda mbaghad qal li dak il-hin ma tantx tkellem mas-Surgent fuq il-post u li s-Surgent fuq il-post ma marx ikellmu. Qal li halla f'idejn il-pulizija u ddikjara li fil-hanut hu biss

ikun hemm. Qal ukoll li lis-Surgent kien spjegalu li kien sab 'l Alan mal-art u lill-aggressur imqabbad m'ghonqu.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tas-17 ta' Novembru 2015.

**Ikkunsidrat:**

Illi f'din il-kawza din il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet ta' kif sehh l-incient mertu tal-kawza. Il-kwerelant jallega li kien l-imputat li aggredih u kkawzalu feriti ta' natura gravi [kif deskritti mit-tabib Dr. Chris Muscat fic certifikat rilaxxjat minnu w immarkat bhala Dok JA 4 esebit fl-atti a fol. 11 tal-process] u l-verzjoni kif moghtija mill-imputat, cioe' li kien il-kwerelant li aggredih appena talbu sabiex ma jkomplix jiknes magenb il-vettura tieghu, w kull ma ghamel hu kien li ddefenda lilu innifsu mill-aggressjoni zejda ta' l-istess kwerelant. Ghalhekk m'hemmx dubbju li l-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet dijametrikament opposti ghal xulxin, ghalkemm jigi rilevat sa mill-bidu nett ta' din is-sentenza li l-imputat ta l-verzjoni tieghu *a tempo vergine* tal-allegat incident meta gie nterrogat mill-pulizija esekuttiva u rrilaxja l-istqarrija tighu, esebita fl-atti a fol. 8 tal-process immarkata bhala Dok JA 3 u rega' ta l-istess spjegazzjoni meta xehed *viva voce* fil-Qorti nhar it-22 t'Ottubru 2015 ( fol. 83).

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bhala gudikant il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, il-

kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hix kostanti, w ta' fatturi ohra tax-xhieda tieghu u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra, w tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u dan ai termini tal-**Artikolu 637 tal-Kap 9** tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti m'hijiex f'posizzjoni vantaggjuza bhal Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda, w dan ghaliex hija ma ghexitx il-process kollu tul medda ta' zmien u ghalhekk ma semghetx ix-xhieda kollha jixhdu *viva voce* quddiemha, u ghalhekk mhix f'posizzjoni li tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom, stante li ma kienitx hi stess li kkonstatat x'interess seta' kellu xi xhud fid-data li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le. Jigi rilevat li l-allegat vittma, w cioe' Tesigue Bakare xehed nhar id-9 ta' Ottubru 2013 quddiem din il-Qorti diversament preseduta.

Huwa minnu, kif gie allegat mid-difiza, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet konflingenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat, pero' huwa veru wkoll - kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker -** illi**:**

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri, w dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale, Vol III, Kap IV, pagna 234, Edizione 1890**:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Il-Prosekuzzjoni ressqet lill-allegat vittma jixhed u jispjega f'aktar dettall ir-rapport li kien ghamel fil-konfront tal-imputat lill-pulizija esekuttiva, w l-imputat ghalkemm m'huwiex obbligat li jixhed iddecieda li jixhed u jressaq xhieda in sostenn tat-tezi tieghu. Jinghad ukoll f'dan l-istadju li l-imputat m'huwiex tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu, izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi, w cioe *beyond reasonable doubt. Cio' nonostante* pero' l-imputat ghazel li jixhed u jaghti d-deposizzjoni tieghu.

Huwa principju baziku ppratikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuzi dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubbju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubbju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel, referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha (7) ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Philip Zammit et'** u tghid pero' li mhux kull l-icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li '*dubbju jkun dak dettat mir-raguni*.'

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa (5) ta' Dicembru, 1997 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Peter Ebejer'**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minnn **Lord Denning** fil-kaz '**Miller vs Minister of Pension**' - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni *'proof beyond a reasonable doubt.'*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice."*

Huwa mportanti wkoll li l-Qorti tfakkar lill-partijiet dwar x'jikkostitwixxi provi indizzjarji. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha (9) ta' Gunju, 1998 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Daeowood Sayed Dawood Abd el Kaader'** hemm referenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kawza fl-ismijiet '**Teper v The Queen'** ***[1952] AC 480, 489***.

*"It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are* *__no__* *(sottolinear ta' din il-Qorti) other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*

Ghalhekk kif intqal fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa (5) ta' Ottubru, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**__Il-Pulizija v Joseph Gauci et__**', li:

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*

Bhala konkluzjoni dwar x'inhu l-ahjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Il-Qorti pero' thoss li fic-cirkostanzi ghandha tara jekk il-fatti specie tal-kaz jammontawx ghar-reat addebitat lill-imputat.

Illi l-pulizija saret taf bl-incident mertu tal-kawza nhar il-20 ta' Awissu 2013 ghall-habta tad-disgha u kwart ta' fil-ghodu (09.15a.m.) permezz ta' telefonata li saret gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija, fejn il-pulizija kienet giet infurmata [kif rapportat minn PS 1195 Conrad Debattista fix-xhieda teighu fil-Qorti] li fi Triq it-Tigrija l-Marsa kien sehh argument bejn zewg persuni, fejn wiehed minnhom kien safa aggredit u kellu xi griehi. Il-pulizija marret fuq il-post u sabet lil Braydon Azzopardi (li incidentalment ma xehedx f'dawn il-proceduri) li gharrfu li kellu persuna ku waqt li kien qed jiknes fl-inhawi, safa aggredit waqt li kein qed jiknes fl-inhawi mill-imputat. Irrizulta li minkejja dak li Azzopardi rraporta, huwa ma kienx fuq il-post meta sehh l-incident. Dan PS 1195 ikkonferma li l vittma kien qallu li l-imputat kien talbu joqghod attent waqt li kien qed jiknes peress li kien qed jilmenta mieghu li kien qed jolqotlu r-roti tal-vettura tieghu. Il-vitma allegatament ma tax kasu w baqa' jiknes u wara spicca aggredit minnu, tant li mbuttah mal-art u beda jtih bil-pala. PS 1195 ikkonferma li fuq il-post kien kellem lill-imputat li kkonfermalu li l-vittma verament kien qed jiknes u li hu verament kien talbu sabiex ma jiknisx vicin ir-roti tal-vettura tieghu, izda dan baqa' jiknes bla ma jaghti kasu, w meta avvicinah u staqsieh min kien l-imghallem tieghu dan ma wegbux, anzi njorah. Wara ftit mar minn warajh u gibdu mal-art. Dan il-pulizija kkonferma li l-imputat kellu xi hmura m'ghonqu w fuq sidru, w ghalhekk hu qallu biex imur jaghmel certifikat mediku. Irrizulta wkoll li l-imputat gab stima tal-hsarat li kellu fil-vettura tieghu, ghalkemm fuq il-post ma kienx semmihom, u kkonferma li dawn gew kagunati mill-vitma waqt li kien qed jiknes.

Illi l-Qorti ezaminat ic-certifikati medici rilaxxjati kemm mit-tabib li invista lill-allegat viattma, u cioe' Dr. Chris Muscat, li kkonferma aktar tard fil-Qorti li Tesigue Bakare kellu *Lacero Contused Wound* ta' 3 ½ cm fix- xoffa ta' fuq u kellu bzonn xi punti, w ikklassifika dawn il-griehi bhala ta' natura gravi, kif ukoll ic-certifikat rilaxxjat minn Dr. Gabriel Galea (fol. 79) fejn hemmhekk gew elenkati d-diversi feriti ta' natura hafifa li kellu l-imputat, fosthom grif superficjali fil-parti t'isfel tal-ghonq kemm fin-naha tax-xellug kif ukoll fin-naha tal-lemin, kif ukoll barxa superficjali 2cm x 2cm fuq in-naha tal-lemin fuq il-*clavicle*. Kellu wkoll tbengila fuq idu bejn l-ewwel u t-tieni saba' w ugiegh fuq il-parti t'isfel tad-dahar hdejn il-*lower vertebrae*.

Illi l-vittma jghid li kien gie aggredit ghalxejn b'xejn mill-imputat li qabad u tah daqqa bil-pala li kellu fil-karetta. Qal li d-daqqa li qala' f'halqu kien qalaghha ghalxejn u jichad li kien qed ihammeg il-vettura tal-imputat. Jikkonferma li l-iskip li kien qed juza kienet wara l-vettura tal-imputat u kkonferma wkoll li fil-vicinanzi hemm hanut li jbiegh affarijiet relatati maz-zwiemel u li l-imputat kien hareg minnu. Jghid li mhux minnu pero' li waqqa' lill-imputat mal-art, izda huwa minnu li gie mifrud mill-imputat minn terzi peruni. Mistoqsi jekk it-terzi persuni missewx lill-imputat u/jew lilu, jghid li ma messew lil hadd minnhom, kemm firduhom biss. Mistoqsi jispjega kif l-imputat spicca bil-feriti madwar ghonqu w fuq dahru, jghid li ma jafx.

Min-naha l-oha l-imputat, li dejjem kien konsistenti fix-xhieda tieghu, jghid li l-vittma kien qed jiknes hdejn il-vettura w hu talbu sabiex imur

jiknes il-boghod minnha. Jghid li dan ma tax kasu w f'daqqa wahda aggredih, qabdu minn ghonqu w spiccaw fl-idejn mal-art. Dan il-fatt - u cioe' li kienu fl-idejn - gie kkonfermat mix-xhud indipendenti prodott mid-difiza, cioe' Noel Camilleri, kif ukoll mic-certifikat mediku msemmi aktar 'il fuq, li ighid li l-imputat kellu diversi grif fuq iz-zewg nahat tal-ghonq u tbengil f'idu w fil-parti ta' wara ta' dahru. Ghalhekk il-fatt li kien hemm kuntatt mal-imputat huwa evidenti. Issa filwaqt li l-vittma jinnega li mess lill-imputat, jghid li kien hemm in-nies li ferrquhom. Meta l-vittma gie mistoqsi kif gew kagunati dawn il-feriti fuq il-persuna tal-imputat, wiegeb li ma jafx. L-imputat jghid ukoll li l-vittma mess il-vettura tieghu tant li anke esebixxa stima tal-hsarat li sofra. M'hemmx dubju li l-imputat kien kostanti f'dak li qal u fit-tliet verzjonijiet li ta kemm lil PS 1195 *a tempo vergine* tal-investigazzjoi, kif ukoll aktar tard fl-istqarrija li rrilaxxja, w snin wara meta xehed viva voce fil-Qorti w ta spjegazzjoni ghal kollox. Il-vittma min-naha l-ohra kien evaziv f'certu risposti w ma kienx f'posizzjoni li jispjega kif spicca ferut l-imputat filwaqt li anke jinnenga li messu meta kien hemm il-marki madwar ghonqu kif riskontrati minn Dr. Galea.

Illi fil-kwadru ta' dawn il-provi akkweziti, ma jirrizultax li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mil-Ligi li kien l-imputat li effettivament hebb ghall-kwerelant l-ewwel, jew li kienu hu li kkagunalu l-feriti b'mod volontarju, kif deskritti mit-tabib

L-imputat jammetti fix-xhieda tieghu li effettivament gie f'kuntatt mal-kwerelant meta dan waqqghu mal-art u pprova jifgah. Qal li l-vittma ghasru mal-art, li in effetti hasdu, w meta qaghad fuqu bil-piz li kellu ma

setax jiccaqlaq u beda jirrezisti b'idejh u beda jaghmel movimenti b'idu - ixejjer. Jghid li meta terzi persuni qalghu lil Bakare minn fuqu, huwa mar jigri fil-hanut. Noel Camilleri jikkonferma li l-vittma - li ghandu statura ikbar minn dik tal-imputat (kif muri fir ritratti esbiti) - kien fuq l-imputat u li hu kien ghen sabiex jigbdu lil hinn 'il boghod minn fejn kien l-imputat. L-imputat jammetti fix-xhieda tieghu li beda jtih sabiex jiddefendi lilu nnifsu mill-aggressjoni tieghu u ghalhekk eccepixxa fid-difiza tieghu dik ta' Legittima Difesa.

**Kunsiderazzjonijiet Legali dwar din l-istess difiza.**

Illi kif hu ben saput, il-gustifikazzjoni ghal-Legittima Difesa tirrizulta meta persuna tilqa' b'forza il-vjolenza jew aggressivita' ta' persuna ohra diretta lejha jew lejn terzi, kontra liema persuna hekk aggressiva, l-agir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-Legittima Difeza trid tkun inholqot sitwazzjoni ta' perikolu, dannu, theddida u/jew minaccja tal-istess, bl-agir tal-aggressur u mhux da parti tad-difensur, sitwazzjoni kkrejata unikament mhux minn min jaddotta dik it-tip ta'difiza, izda minn min qed juri jew jimmanifesta dak il-perikolu jew thedded jew dannu imminenti.

Fil-fatt l-**Artikolu 233** tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid:

*"Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mil-ligi jew mill-awtorita' legittima, jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor."*

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghoxrin (20) ta' Jannar, 1995 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulziija v Joseph Psaila** fejn dik il-Qorti rriteniet is-segwenti:

*"Id-dritt ghal-legittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu ta' forza. Izda il-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe' t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun ingust, gravi w inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument biex jevita xi perikolu li ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri il-perikolu ghandu jkun attwali, istantaneju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu ikun attwali jigifieri ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dan jista' jaghti lok biss ghal provokazzjoni u mhux difesa legittima. Il-perikolu irid ikun assolut cioe li f'dak il-mument li qed jsehh ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor."*

Izda hawnhekk ghandu jigi applikat it-test soggettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qorti dejjem specifikaw u mhux bizzejjed li wiehed jghid x'seta' ghamel jew x'messu ghamel id-difensur (imputat) qabel ma ha l-azzjoni in difesa b'uzu ta' l-azzjoni. Fil-fatt kif jghid il-**Professur Mamo** fin-***Noti*** tieghu:

*"The danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time."*

Wiehed ghalhekk irid ipoggi lilu nnifsu fil-posizzjoni w stat mentali w psikologiku tal-imputat difensur meta agixxa b'dak il-mod fic-cirkostanzi, kif seta’ hassu dak il-hin u mument cioe’ jekk kienx imbezzgha u /jew panikuz.

Fl-ahhar nett biex l-imputat ikun jista’ jigi gustifikat ghal kollox, fid-Difesa Legittima, huwa m'ghandux jaddotta metodi li huma in eccess jew minaccja ta' perikolu. Izda anke hawn u partikolarment fil-kaz in ezami, ghandu wkoll jigi kkunsidrat sew l-istat mentali tal-vittma tal-aggressjoni jew minaccja ta' perikolu, cioe’ l-imputat. Rinfaccjat b'perikolu serju w imminent - kif haseb hu f'dak il-mument - wiehed ma jistax jippretendi li kellu jzomm il-kalma w fil-fatt il-ligi stess f'cirkostanzi bhal dawn taccetta miskalkolazzjonijiet u *errors of judgment*. Il-ligi fil-fatt tipprovdi li l-ebda piena ma tigi inflitta f'kazijiet anke fejn bniedem jeccedi l-ligi f'kaz li jkun necessarju li jiddefendi lilu nnifsu u/jew terzi, fejn tali eccess ikun dovut ghal perikolu imminenti li hu jsib ruhu rinfaccjat bih jew minhabba bizgha jew twerwir (*fear or fright)*.

F’dan il-kaz l-imputat agixxa sabiex jiddefendi lilu nnifsu mill-aggressjoni inaspettata tal-kwerelant. Jirrizulta li kien il-kwerelant stess li mar u avvicina lill-imputat waqt li dan kien sejjer ‘l hemm bil-vettura tieghu u jidher anke mill-istatura tal-istess kwerelant, kif murija fir-ritratti esebiti, li bhala statura huwa ferm ikbar minn dik tal-imputat. Il-

Qorti hija konvinta li dak li ghamel l-imputat ghamlu sabiex jiddefendi lilu nnifsu mill-aggressjoni zejda tal-vittma.

Il-Prosekuzzjoni donna fit-trattazzjoni taghha qalet li l-imputat messu telaq ‘l hemm meta ra l-kundizzjoni tal-vittma, w cioe’ li d-diskussjoni ta’ bejniethom kienet qed tishon, u li ma kellux ghalfejn jidhol f’din il-kwistjoni peress li seta’ telaq ‘l hemm bil-kwiet billi jsuq minn fuq il-post. Ma’ dan pero’ l-Qorti ma taqbilx, in linea ma’ dak li jghid l-awtur **Carrara** fil-ktieb tieghu **Programma Speciale,** meta jghid:

*"i piedi per correre sono fatti per i conigli."*

Il-Qorti taghmel referenza ghal Gurista Taljan **Giuseppe Maggione** ghal ktieb tieghu **Principio di diritto Penali,** Vol 1, pg 183 fejn jghid:

*"l'aggredito non e' tenuto a fuggire non gia perche’ non puo imparsi la vigliaccheria, ma perche' e' suo dovere lottare per il diritto a reagire al delitto.”*

Illi ghalhekk jirrizulta proprju l-kaz klassiku ta' Legittima Difesa fid-dawl ta' dak li gie enuncjat aktar 'il fuq. M’hemmx dubju li c-cirkostanzi kif zviluppaw, graw f'hakka t'ghajn, tant u b'mod li kkrejaw f'mohh l-imputat, bizgha w paniku w oppressjoni ta' perikolu tali li lahaq stat fejn haseb li jekk ma jiddefendix lilu nnifsu kien ser jifga. M’hemmx dubju li f'dan il-kaz il-periklu attwali gie kkrejat mill-allegat vittma u mhux mill-imputat li ddefenda ruhu minn din l-aggressjoni tant serja. Illi ghalhekk din il-linja difensjonali qed tigi milqugha.

Dwar l-akkuza tar-recidiva din ma tirrizultax stante li l-Qorti mhux qed issib lill-imputat hati ta' l-akkuza principali, w cioe' li ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Bakare Tesigue.

**Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, w cioe' l-Artikoli 49, 50, 214 u 216 (1) (b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda tilqa' d-difiza tal-imputat ALAN HARMSWORTH b'dan illi qieghda tilliberah minn kull imputazzjoni w htija.**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D., Dip. Matr. (Can)**
**Magistrat**